MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 13/2019 LM

**Josephine Farrugia (K.I. numru 15573G)**
*(l-appellanta)*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Josephine Farrugia** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] mid-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju, 2019, numru 302/19

[minn issa ʼl quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ʼl quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħha kontra l-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ʼl quddiem "l-appellat"] għar-raġunijiet imfissra fid-deċiżjoni tal-appell numru 668/18, filwaqt li kkonferma d-deċiżjoni tal-appellat.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-appellat tat-22 ta' Jannar, 2019[1], fejn ġie deċiż li l-appellanta kienet tħallset żejjed is-somma ta' €278.77 rappreżentanti *Allowance* Supplimentari għall-perijodu bejn it-3 ta' Frar, 2018, u l-5 ta' April, 2019, għar-raġuni li l-appellat ma kienx sodisfatt li hija ma kinetx ċaħdet lilha nnifisha minn kapital li seta' irendi dħul. B'hekk hija ġiet ukoll infurmata li s-somma mħallsa żejjed kienet ser titnaqqas bir-rata ta' 5% mill-Għajnuna Supplimentari jew xi benefiċċji oħrajn li hija kienet tirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra tal-1 ta' Frar, 2019, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tal-appellat. Dan tal-aħħar wieġeb fl-14 ta' Marzu, 2019, fejn laqa' billi qal li l-appell tal-appellanta

[1] Kopja annessa mal-kontestazzjoni mressqa mill-appellanta lill-Arbitru.

ma kien iqanqal l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza, u b'hekk kellu jiġi miċħud.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata għar-raġunijiet li huwa kien fisser fid-deċizjoni tal-appell numru 668/18 u li huma kif ġej:

*"Ikkunsidra:*

*Illi l-klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-appellanta u żewġha (vide Dok IC1") jgħid kontestwalment dan li ġej:*

Fir-rigward tal-life Insurance mal-MiddleSea bin-numru tal-polza 29496 u l-joint account numru 86933218 mal-istituzzjoni barranija Kaupthing, Singer & Friedlander (IOM) Limited, il-Mara qiegħdha ċċedi u tassenja a favur ir-Raġel li jaċċetta kull dritt li jista' jkollha fuqhom u tiddikjara li hija ma fadlilha l-ebda pretensjoni fir-rigward tagħhom. Din iċ-ċessjoni qiegħda issir da parti tal-Mara in vista tal-fatt li hija kienet diġà ħadet diversi ammonti ta' flus appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti qabel ma telqet mid-dar matrimonjali.

*Illi il-kuntratt ma jidħolx fid-dettal dwar x'kienu dawn il-fejjes, però jgħid li huma flejjes appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-appellanta telqet mid-dar matrimonjali.*

*Illi mid-dokumenti eżebiti mill-istess appellant hi tipprova tagħti rendikont ta' x'kienu dawn il-flejjes li huma s-segwenti:*

- ***€48,000** manteniment dovut lil raġel għal żewġ ulied;*
- ***€17,000** (circa) li ttieħdu mill-appellanta mill-kont bankarju tagħha u tar-Raġel;*
- ***€8,000** spejjeż li kellha tħallas l-appellanta stess lill-avukati tagħha;*
- ***€23,000** b'valur ta' żewġ karozzi li nxtraw fiż-żwieġ u li nżammu mill-appellanta fejn żewġha ried nofs il-valur tal-istess;*

***Ikkunsidra:***

*Illi ta' min jinnota illi fil-kuntratt ġie iddikjarat illi l-appellanta rrinunzjat għal dawn il-flejjes* in vista *tal-fatt li hija kienet diġà ħadet diversi ammonti ta' flus appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti* ***qabel ma telqet mid-dar matrimonjali****.*

*Illi mill-prospett li eżebiet hija stess jirriżulta illi l-uniku ammont li allegatament ħadet qabel ma telqet kien ta' €17,000 u li għalhekk semmai hi kella tagħti lura lil żewġha l-ammont ta' €8,500. Madanakollu l-Arbitru jinnota illi t-teħid ta' dan l-ammont mill-istess kont bankarju ma ġiex ippruvat f'dan l-appell.*

*Illi inoltre l-ammont ta' €48,000 ma jistax jiġi kkunsidrat mill-Arbitru u dana għaliex ma jirriżultax mill-atti li kien hemm xi digriet jew xi ordni tal-Qrati kompetenti sabiex jitħallas dan l-ammont mill-appellanta lir-raġel tagħha* qua *manteniment għat-tfal tagħhom.*

*Illi dwar l-ammont li allegatament tħallas mill-appellanta lill-avukati dan ma jirriżultax li ġie ppruvat bħalma lanqas ma ġie ppruvat il-valur taż-żewġ karozzi li ġew assenjati lill-appellanta.*

***Deċiżjoni***

*Għadaqstant, peress illi l-appellanta ma rnexxilix tiġġustifika sal-grad rikjest mil-liġi li l-ammont li kien bi dritt tagħha u li hi ċediet a favur ir-raġel tagħha li kien emerġenti mill-investiment li huma kellhom flimkien, kien jikkorrispondi għall-ammont dovut lir-raġel tagħha skont il-liġi, l-arbitru jgħaddi sabiex jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni appellata."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-6 ta' Settembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"****1. TIRREVOKA U TĦASSAR*** *is-sentenza tal-Arbitru tad-29 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet premessi in kwantu ċaħad it-talba tar-rikorrenti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-*

> *konvenut u dana taħt kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat."*

L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex (a) il-klawsola numru tnax tal-kuntratt ta' separazzjoni kienet tgħid b'mod ċar li hija kienet assenjat favur ir-raġel tagħha l-*life insurance policy* u l-kont bankarju esteru konġunt għaliex hija kienet diġà ħadet diversi ammonti ta' flus mill-komunjoni tal-akkwisti; (b) il-kuntratt ta' separazzjoni kien att pubbliku u għalhekk l-appellat kellu aċċess għalih; (ċ) hija kienet fil-fatt **tat** rendikont tal-flejjes li ħadet qabel ma telqet mid-dar matrimonjali; (d) il-fatt li ma kienx hemm ordni mill-qorti kompetenti ma kienx ifisser li hija qatt ma ħallset manteniment lir-raġel tagħha fir-rigward tal-kura ta' wliedhom.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellat min-naħa tiegħu wieġeb li l-appell intavolat huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni appellata timmerita konferma.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellanta tibda billi tissottometti li mill-klawsola numru tnax tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u żewġha, kien jirriżulta b'mod ċar li hija kienet ċediet u assenjat favur tiegħu l-*life insurance policy* u wkoll l-flejjes depożitati ma' istituzzjoni estera għar-raġuni li hija kienet ħadet diversi ammonti ta' flus mill-komunjoni tal-akkwisti qabel ma telqet mid-dar matrimonjali. Hija kienet saħansitra għaddiet kopja ta' dan l-att lill-appellat u kienet ukoll ippreżentat rendikont dettaljat ta' dawk l-ammonti. Għal dak li jirrigwarda l-manteniment dovut fir-rigward tat-tfal tagħha li kienu jgħixu ma' missierhom, l-appellanta ssostni li n-nuqqas ta' ordni mill-qorti kompetenti ma kienx ifisser li hija qatt ma ħallset dak il-manteniment u tissottometti li r-rendikont ta' kif u kemm ħallset manteniment huwa wieħed dettaljat.

10. L-appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tikkunsidra l-provi mill-ġdid u jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tagħha in sostenn tal-argument tiegħu. Dwar il-mertu, jkompli billi jissottometti li l-appellanta naqset milli turi li l-Arbitru eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ħażin. Għal dak li jirrigwarda l-fatt li l-appellanta ċediet favur ir-raġel tagħha s-sehem mill-flus depożitati f'kont bankarju fl-ammont ta' €58,720.60, jirrileva li hija kienet għamlet dan b'mod volontarju. Ikompli jgħid li l-appellanta kienet spjegat li hija kienet ġibdet flus mill-kontijiet bankarji formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u saħansitra ppreżentat prospett fejn indikat l-ammonti ta' flus li hija kienet ħadet. Iżda għalkemm kien jispetta lilha li tipprova li hija ma ċaħditx lilha nnifisha mill-flus depożitati barra minn Malta u li ċediet lil żewġha, hija naqset milli tagħmel dan. Lanqas ma ġabet prova li hija tassew ħadet u nefqet il-flus li tallega li ħadet mill-komunjoni tal-

akkwisti u li b'hekk hija ma kellha l-ebda għażla għajr li ċċedi sehemha mid-depożiti esteri. Jissottometti li għall-kuntrarju, l-appellanta għażlet li tammetti l-provi mressqa minnu. B'hekk id-deċiżjoni appellata hija waħda xierqa u timmerita konferma.

11. Din il-Qorti tissenjala li huwa minnu li anki skont il-ġurisprudenza tagħha stess, qorti tat-tieni istanza m'għandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi kif magħmula minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad. Iżda dan jingħad biss f'każ fejn ma tirriżulta l-ebda raġuni gravi li ma titlobx l-intervent tagħha. Għalhekk, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk fil-każ odjern hemmx raġunijiet serji li jitolbu li jitwarrab il-prinċipju ġenerali billi tbiddel id-deċiżjoni appellata.

12. Issa ġaladarba l-appellanta kienet qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-appellat li hija kienet naqset milli turi b'mod sodisfaċjenti li l-valur tar-riżorsi kapitali tagħha ma kienux jeċċedu €14,000 u/jew li hija ma ċaħditx lilha nnifisha mir-riżorsi kapitali, hija kellha l-obbligu li tressaq prova konvinċenti biżżejjed quddiem l-Arbitru sabiex turi li l-apellat kien żbalja fid-deċiżjoni tiegħu. L-oneru tal-prova kien fuqha.

13. Wara li kien l-appellat li ppreżenta kopja tar-rapport investigattiv[2], flimkien ma' kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni[3] ffirmat mill-appellanta u żewġha fit-30 ta' Jannar, 2018, quddiem in-Nutar Valerie Said, l-appellanta għaddiet sabiex ippreżentat prospett iffirmat, jew aħjar dikjarazzjoni mhux

[2] Dok. CV1 fl-atti tal-proċeduri quddiem l-Arbitru.
[3] Dok. CV2 fl-atti tal-proċeduri quddiem l-Arbitru.

maħlufa, fejn spjegat li fil-kuntratt ta' separazzjoni ttieħdu inkonsiderazzjoni is-segwenti: (a) jekk ordnata tħallas manteniment għal uliedha mill-Qorti, hija kienet ser tħallas b'kollox €48,000 fuq medda ta' għaxar snin b'dana li hija qatt ma ħallset manteniment; (b) wara li telqet mid-dar matrimonjali hija ġibdet madwar €17,000 minn kont bankarju konġunt; (ċ) ġibdet ukoll €8,000 sabiex tħallas għal konsulenza legali; (d) il-valur ta' €10,000 ta' vettura; (e) il-valur ta' €13,000 ta' *truck*.

14. Iżda kif sewwa jirrileva l-Arbitru, il-kuntratt ta' separazzjoni huwa nieqes mid-dettall fir-rigward ta' dan kollu, jiġifieri m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' ċifri ta' kif inħadmet l-allegata tpaċija. L-appellanta naqset ukoll milli ġġib prova dwar (a) l-allegat manteniment li kellu jitħallas lir-raġel tagħha fir-rigward tal-kura ta' wliedhom; (b) il-kontijiet bankarji miżmuma bejnha u r-raġel u l-allegat żbank ta' flus min-naħa tagħha qabel ma telqet mid-dar matrimonjali; (ċ) il-valur reali tal-vetturi. Fin-nuqqas ta' kull prova min-naħa tal-appellanta, din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru u għalhekk issib li d-deċiżjoni appellata hi waħda ġusta u timmerita konferma.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellanta ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**